# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.9: Hurray: Alla jħobbni permezz ta' Ġesù**



**L-Għanijiet:**

It-tfal:

a) Jagħrfu jirringrazzjaw lil Alla billi jfaħħruh u jifirħu flimkien.

b) Jagħrfu li l-akbar ringrazzjament lil Alla hu meta jiftakru fl-imħabba.

c) Jirrealizza li Ġesù għallimna nħobbu.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Diska mir-riżorsi: *Jesus loves the little children.*
- Powerpoint – stampi ta' Ġesù tul ħajtu.
- Attività Smartboard: iqabblu stampi ta' Ġesù mal-ħajja tagħhom tal-preżent.

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Ibda billi tfakkar fil-lezzjoni ta' qabel billi tistaqsi lit-tfal : Min hu bil-għaqal x'jagħmel?
- Staqsi lit-tfal jekk jiftakrux x'jissejjaħ l-isem tal-ktieb li fih insibu stejjer speċjali dwar Ġesù.
- Stieden lil xi ħadd mill-klassi jsib dan il-ktieb u jurih lit-tfal.
- Spjega li f'dan il-ktieb li jissejjaħ il-Vanġelu fih ħa naraw kemm ħabbna Alla l-Missier meta tana lil Ġesù.
- Uri stampa ta' Ġesù fit-twelid tiegħu, fit-tfulija tiegħu u meta kiber (*Powerpoint*).

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Agħti ftit informazzjoni ħafifa fuq kull stampa ta' Ġesù.
- Oħroġ il-punt li Alla l-Missier ħabbna meta bagħtilna fostna lil Ġesù u twieled bħala bniedem bħalna.
- Fisser kif Ġesù għex il-ħajja normali bħalna: jgħin fid-dar eċċ. U kif kiber bħala persuna bil-għaqal.
- Iftaħ l-Interactive Whiteboard u sib l-attività fejn it-tfal ser iqabblu l-istampi ta' Ġesù mal-istampi tal-ħajja tagħhom ta' kuljum.
  - Iddiskuti mat-tfal ir-relevanza ta' dawn l-istampi. Uri u semma lit-tfal id-diska: *Jesus loves the little children.* Għallem lit-tfal ir-ritornell tal-kanzunetta biex ikunu jistgħu ikantaw magħha.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesu jurina li għandna nħobbu lil kulħadd.
2. Ġesu wriena kif għandha tkun din l-imħabba permezz ta' dak li qal u għallem.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- Nagħrfu li Alla tant iħobbna li bagħat lil Ġesù fid-dinja għalina. Ejjew illum nuru din l-imħabba ma' xulxin.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- *Jesus loves the little children*
- http://www.youtube.com/watch?v=zTViRzfyla0



**Nitolbu**

Grazzi Mulej talli bgħatt lil Ġesù għalina biex jurina t-triq għall-Ġenna.

